MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2160/2002

**Avviz Numru 2160/02 AJD**
**Dormax Press Company Limited**

**vs**

**Millennium Marketing Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta'mitejn u sebghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm270.90) rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet ta' stampar li saru mis-socjeta' attrici fuq rikjesta tas-socjeta' konvenuta. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 7 ta' Awissu 2002 (Dok. B) u bl-imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Dicembru 2002 fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferma t-talba taghha ghall-imghax u ghall-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imghax kif mitlub u l-ispejjes ta' din l-istanza.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------